MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Avviz Numru. 1402/1999/2

**Pupulio Attard u wliedu Ganni, Marija mart Felic Calleja, Marija Dolores u Carmen u Guzeppi ahwa Attard u l-istess Guzeppi Attard bhala mandatarju ta' ohtu assenti Elena Borg u b'Nota tas-6 ta' Marzu 2000 Ganni Attard, Marija Calleja, Joseph Attard f'ismu u f'isem ohtu assenti Helen Borg, kif ukoll Maria Dolores Attard u Carmen Attard assumew l-atti stante li missierhom Pupulio Attard miet fis-26 ta' Jannar 2000 u b'Digriet datat 30 ta' Settembru 2014 il-giudizzju in kwantu rigwarda Ganni Attard, li miet fil-31 ta' Marzu 2014, gie trasfuz f'isem martu Maria Attard *qua* eredi universali tieghu**

**Vs**

**Angelo Micallef u Pietru Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-Avvizipprezentat minn Pupulio Attard, illum mejjet, u wliedu Ganni, Marija mart Felic Calleja, Marija Dolores, Carmen u Guzeppi ahwa Attard, u l-istess Guzeppi Attard bhala mandatarju ta' ohtu assenti Elena Borg fid-29 ta' Settembru 1999, permezz ta' liema jitolbu li Angelo Micallef u Pietru Gauci jigu kkundannati jhallsuhom is-somma ta' erba' mija u dsatax-il Lira Maltija (Lm419), illum ekwivalenti ghal disa' mija sitta u sebghin Euro (€976), rapprezentanti prezz ta' vjaggi ta' gebel lilhom konsenjati mill-mejjet Vincent Attard, bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 3 ta' Settembru 1999, kontra Angelo Micallef u Pietru Gauci;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Angelo Micallef u Pietru Gauci permezz ta' liema jeccepixxu li l-ammont pretiz mill-atturi kien thallas lill-mejjet Vincent Attard u ghalhekk l-atturi *qua* werrieta ma ghandhom jiehdu xejn minghandhom, salvi eccezzjonijiet ohra fosthom dawk tal-preskrizzjoni kemm-il darba jkun il-kaz;

Rat in-Nota ta' Ganni Attard, Marija Calleja, Joseph Attard f'ismu u f'isem ohtu assenti Helen Borg, kif ukoll Maria Dolores Attard u Carmen Attard ipprezentata fis-6 ta' Marzu 2000, permezz ta' liema ddikjaraw li missierhom Publiju Attard miet fis-26 ta' Jannar 2000 minghajr ma halla l-ebda testment u li konsegwentement qed jassumu l-atti tal-kawza spettanti lilu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

Rat li b'Digriet datat 30 ta' Settembru 2014 il-giudizzju in kwantu rigwarda Ganni Attard, li miet fil-31 ta' Marzu 2014, gie trasfuz f'isem martu Maria Attard *qua* eredi universali tieghu; Semghet ix-xhieda moghtija minn Gianni Attard waqt is-seduti tad-9 ta' Ottubru 2006[1] u tal-25 ta' Jannar 2010[2] u rat id-dokumenti esebiti minnu a fol. 104 tal-process u d-dokumenti markati Dok. "GA1" sa' Dok. "GA3" a fol. 154 sa' 184 tal-process, rat is-sentenza fl-ismijiet "Pupulio Attard et v. John Pisani et" Avviz Nru. 1401/99 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Novembru 2001[3] u s-sentenza fl-ismijiet "Pupulio Attard et v. George Debono" Avviz Nru. 63/00 deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-9 ta' Marzu 2001[4] esebiti mill-atturi permezz ta' Nota pprezentata fit-12 ta' Marzu 2007, rat l-affidavits tal-konvenuti Angelo Micallef[5] u Pietru Gauci[6] esebiti b'Nota pprezentata fl-24 ta' April 2009 u rat id-dokumenti esebiti mill-konvenuti permezz ta' Nota pprezentata fl-24 ta' April 2009 a fol. 133 sa' 135 tal-process, semghet ix-xhieda in kontro-ezami tal-konvenut Angelo Micallef[7] u x-xhieda ta' Xandru Micallef[8] entrambe moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru 2009, semghet ix-xhieda ta' Joseph Attard moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2010[9] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "JA1" a fol. 185 sa' 251 tal-process, rat in-Nota ta' l-atturi pprezentata fit-13 ta' Lulju 2010 u d-dokumenti annessi maghha a fol. 265 sa' 268 tal-process u semghet ix-xhieda ta' Mary Turner moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu 2011[10];

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-Difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Bil-proceduri odjerni l-atturi jitolbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuhom is-somma ta' Lm419, illum ekwivalenti ghal €976, rapprezentanti prezz ta' vjaggi tal-gebel konsenjati lilhom minn huhom Vincent Attard, illum mejjet. Il-konvenuti jilqaghu ghat-talba attrici bl-eccezzjoni tal-pagament ossia li l-ammont pretiz mill-atturi kien thallas lil Vincent Attard u ghaldaqstant l-atturi, *qua* werrieta ta' l-istess Vincent Attard, ma ghandhom jiehdu xejn minghandhom.

Mill-provi prodotti jirrizulta li Vincent Attard, hu l-atturi, kellu negozju tat-trasport tal-gebel u fost il-klijenti tieghu kellu lill-konvenuti Angelo Micallef u Pietru Gauci. Vincent Attard instab mejjet f'Awwissu ta' l-1987 u fir-rigward tal-mewt tieghu kienet infethet inkjesta Magisterjali bil-konsegwenza li l-atturi kellhom access ghall-affarijiet personali tieghu madwar sentejn wara li miet. Fost l-affarijiet personali ta' Vincent Attard l-atturi sabu dokumentazzjoni relattiva ghan-negozju tieghu minn fejn irrizultaw kemm xi kredituri ta' huhom kif ukoll debituri tieghu, fosthom il-konvenuti Angelo Micallef u Pietru Gauci. Mid-dokumentazzjoni ta' Vincent Attard irrizulta li l-konvenuti kienu debituri tieghu fl-ammont ta' Lm409, u mhux ta' Lm419 kif rikonoxxut mill-atturi stess waqt it-trattazzjoni orali, izda meta gew interpellati mill-atturi biex jhallsu dan l-ammont huma ddikjaraw li kienu saldaw id-debitu taghhom ma' Vincent Attard qabel ma miet, ezattament gurnata qabel ma miet.

[1] Fol. 100 sa' 103 tal-process.
[2] Fol. 252 sa' 254 tal-process.
[3] Fol. 108 sa' 111 tal-process.
[4] Fol. 112 u 113 tal-process.
[5] Fol. 131 tal-process.
[6] Fol. 132 tal-process.
[7] Fol. 145 sa' 147 tal-process.
[8] Fol. 148 sa' 151 tal-process.
[9] Fol. 255 sa' 259 tal-process.
[10] Fol. 276 sa' 278 tal-process.

In sostenn tat-talba attrici xehdu l-atturi Ganni Attard[11] u Joseph Attard[12] u giet esebita id-dokumentazzjoni ta' Vincent Attard relattiva ghall-konvenuti[13]. Mid-dokumentazzjoni ta' Vincent Attard jirrizulta li huwa kien piuttost metikoluz fit-tmexxija tan-negozju tieghu u kien inizzel il-konsenji kollha ta' gebel li kien jaghmel u jzomm rendikont dettaljat ta' xi thallas u x'kien fadallu jithallas minghand il-klijenti tieghu. Fost din id-dokumentazzjoni hemm ktieb tal-biljetti relattiv ghall-vjaggi tal-gebel ordnati mill-konvenuti, Dok. "JA1" a fol. 185 sa' 251 tal-process, u jirrizulta li dawn il-biljetti kienu jservu ta' ricevuta hekk kif kien jigi effettwat il-hlas mehtieg da parte tal-konvenuti. Il-ktieb jikkonsisti f'diversi folji bojod b'*carbon copy* hadra u jirrizulta li hekk kif Vincent Attard kien jithallas mill-konvenuti huwa kien jikteb *paid* fuq il-folja bajda, jaqta' l-folja u jghaddiha lill-konvenuti bhala ricevuta u fil-ktieb tibqa' l-folja hadra ghar-*records* tieghu. L-istess konvenut Angelo Micallef esebixxa fotokopja ta' uhud minn dawn il-karti bojod li Vincent Attard kien jaghtih bhala ricevuta tal-hlasijiet effettwati[14].

Mill-ktieb Dok. "JA1" jirrizulta però li ghall-konsenji datati 17 ta' Lulju 1996[15], 29 ta' Lulju 1996[16], 13 ta' Awwissu 1996[17], 18 ta' Novembru 1996[18] u 16 ta' Dicembru 1996[19], li huma appuntu l-konsenji li lkoll flimkien, flimkien mas-somma ta' Lm40 li tirrapprezenta bilanc pendenti, jammontaw ghas-somma ta' Lm409 mitluba mill-atturi, ghad hemm kemm il-folja il-bajda kif ukoll il-*carbon copy* taghha bl-ebda notament li jindika li l-import tal-konsenja relattiva gie imhallas, anzi fuq il-biljett datat 17 ta' Lulju 1996 hemm indikat li hemm pendenti wkoll bilanc precedenti ta' Lm40. Apparte minn dak li jirrizulta mill-ktieb Dok. "JA1", mill-Cash Sale/Invoice Nru. 334 esebita a fol. 184 tal-process u mill-fotokopja ta' diversi pagni minn pitazz li Vincent Attard kien izomm bhala rendikont ta' dak dovut lilu mill-bennejja u dak dovut minnu lil tal-barriera, ukoll jirrizulta li l-import tal-konsenji fuq indikati baqa' ma thallasx mill-konvenuti u b'hekk ghadu dovut minnhom.

Il-konvenuti jikkontrapponu ghal dawn il-provi bix-xhieda taghhom stess[20] u bix-xhieda ta' Xandru Micallef[21], hu il-konvenut Angelo Micallef, u ta' Mary Turner[22], habiba ta' Vincent Attard.

Il-konvenut Angelo Micallef iddikjara li *rigward l-ammont ta' Lm419 li jien u Pietru Gauci qed nintalbu nhallsu lill-eredi ta' Censu Attard, nghid illi ahna ma ghandna naghtu xejn. Nibda biex nghid li l-ahhar ammont li kelli pendenti mieghu kien ilhaqqaq Lm340 u mhux Lm419 kif qed jintalab bil-kawza. Dan jien hallastu lil Censu kif ser nispjega. Kien il-Hadd, gurnata qabel ma miet, meta jien iltaqjt ma' Censu fil-Lucky Bar, San Gwann, f'xil-10:00 ta' filghodu. Wara li xrobna xi haga, jien ghedtlu sabiex jigi mieghi d-dar biex naghtihomlu. Huwa gie u dak il-hin kien hemm id-dar hija Xandru, ohti Lucy u ommi li illum mietet ukoll. Jien hallast lil Censu l-ammont kollu ta' Lm340 u hu quddiemi ghoddhom u qalli li kellu jigbli l-ircevuta. Però din ma waslet qatt peress li l-ghada smajt li kienu sabu lil Censu mghallaq f'xi appartament San Gwann. Il-flus kien tani nofshom dik il-gimgha stess, siehbi Pietru Gauci bl-iskop li nhallsu lil Censu Attard. Qed nara l-cash sale/invoice numru 000334 u nghid li jien qatt ma rajtha f'idejn Censu Attard. Fil-fatt*

[11] Seduta tad-9 ta' Ottubru 2006, fol. 100 sa' 103 tal-process u seduta tal-25 ta' Jannar 2010, fol. 252 sa' 254 tal-process.
[12] Seduta tal-25 ta' Jannar 2010, fol. 255 sa' 259 tal-process.
[13] Cash Sale/Invoice Nru. 334 a fol. 104 tal-process u Dok. "GA1" sa' Dok. "GA3" a fol. 154 sa' 184 tal-process u Dok. "JA1" a fol. 185 sa' 251 tal-process u Dok. "GA1" a fol. 266 sa' 268 tal-process.
[14] Vide anke d-dokumentazzjoni esebita mill-konvenuti bhala ricevuti li kienu jinghataw minn Vincent Attard kif jigi effettwat il-hlas tal-konsenji ta' gebel relattivi.
[15] Fol. 207 u 208 tal-process.
[16] Fol. 209 u 210 tal-process.
[17] Fol. 211 u 212 tal-process.
[18] Fol. 216 u 217 tal-process.
[19] Fol. 218 u 219 tal-process.
[20] Vide affidavits a fol. 131 u 132 tal-process.
[21] Seduta tat-30 ta' Novembru 2009, fol. 148 sa' 151 tal-process.
[22] Seduta tat-3 ta' Marzu 2011, fol. 276 sa' 278 tal-process.

*nghid fiz-zgur li l-kitba li hemm fuqha m'hijiex ta' Censu Attard. Meta kont hallastu huwa kien jiffirmali ricevuta u hu kien jaghmilli l-firma tieghu li hija totalment differenti mill-kitba li hemm fuq ic-cash sale/invoice numru 000334. Nghid ukoll illi l-istess cash/sale invoice ma fiha ebda firma ta' hadd. Terga' u tghid l-ircevuti li kien jaghtini Censu Attard ma kienux bhal dik il-cash/sale invoice, izda kienu jkunu karti izghar daqs nofs il-cash/sale invoice numru 000334. Meta Pietru Gauci kien sema' li miet, huwa kien staqsieni jekk jien kont ilhaqt hallastu, u jien ghidtlu li kont hallastu gurnata qabel*[23].

Il-konvenut l-iehor Pietru Gauci ukoll iddikjara li *naf li ahna konna nallsu lil dan Censu kull meta kien jitlalna kont ta' mhux aktar minn Lm400. Dan nafu ghax kien jghidli siehbi biex nohrog sehemi u jien kont naghtihomlu u wara ftit huwa kien igib u jurini l-ircevuta. Fil-kaz li dwaru qeghdin il-Qorti, jien nikkonferma li kont tajt lil Anglu Lm170 bhala sehemi biex inhallsu lil Censu Attard. Niftakar li darba minnhom siehbi Anglu kien qalli li kienu sabu mejjet lil Censu. Jien staqsejtu jekk kienx lahaq hallsu u huwa wegibni li kien fil-fatt hallsu gurnata qabel miet. Jien qed nara l-cash sale/invoice nuru 000334. Nikkonferma li il-kitba li hemm fiha m'hijiex ta' Censu gax gieli rajt il-firem tieghu fuq l-ircevuti zghar li kien jaghti lil Anglu. Il-kitba hija kompletament differenti minn kif kien jikteb Censu. Ukoll l-ircevuti li kien jaghtina ma kienux kbar izda izghar sew mill-cash/sale invoice imsemmija*[24].

Mill-affidavits tal-konvenuti jirrizulta li ghalkemm huma jikkontendu li hallsu lil Censu Attard il-bilanc li kellhom pendenti mieghu, huma ma ghandhom l-ebda ricevuta ghal dan il-hlas ghaliex skonthom l-ghada li gie effettwat il-hlas Censu Attard instab mejjet. F'tali rigward il-Qorti tqis li huwa opportun li ticcita dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Zammit v. Emanuele Galea et, Citaz. Nru. 1590/94** deciza fis-27 ta' Frar 2003: *huwa generalment rikonoxxut li l-prova ta' pagament ta' debitu tista' tinghata mhux biss b'ircevuti li, b'certa finalità jattestaw l-estinsjoni ta' l-obbligazzjoni, izda din il-prova tista' tingieb ukoll b'mezzi ohra. Fl-assenza ta' ricevuti però, il-prova trid tkun tali li ma thalli ebda dubbju f'moħh il-gudikant partikolarment meta, bhal fil-kaz in ezami, l-kreditur originali ikun gie nieqes.*

Il-konvenuti ppruvaw jikkoroboraw dak minnhom affermat bix-xhieda ta' Xandru Micallef[25], hu l-konvenut Angelo Micallef, li skont l-istess konvenut kien prezenti meta gie effettwat il-hlas lil Censu Attard. Minn din ix-xhieda però il-Qorti ma hijiex affattu konvinta li lejliet li Censu Attard instab mejjet il-konvenut Angelo Micallef kien, ghan-nom ukoll tal-konvenut l-iehor Pietru Gauci, hallsu l-bilanc li kellhom pendenti mieghu. In effetti ghalkemm Xandru Micallef iddikjara li kien prezenti waqt il-hlas u Angelo Micallef qal li hekk kif ghadda l-flus – skontu ammontanti ghal Lm340 – lil Attard dan ghaddhom quddiemu, Xandru Micallef sostna li huh hallas lil Attard is-somma ta' Lm450, li huwa ammont differenti minn dak li Angelo Micallef jghid li ghadda lil Censu Attard izda fl-ilmijiet ta' l-ammont pretiz mill-atturi. L-istess Xandru Micallef in kontro-ezami ddikjara li *naf li l-ammont li hija hallas lil Censu Attard kien erba' mija u hamsin lira mhux ghax rajtu jghoddhom, izda ghax qalli hija li kien dak l-ammont. Jiena rrid nghid li hija dakinhar stess kien qalli illi lil Censu Attard kien tah erba' mija u hamsin lira*[26].

Fid-dawl ta' din id-diskrepanza bejn dak affermat mill-konvenut Angelo Micallef u dak dikjarat minn huh Xandru Micallef, il-Qorti difficilment tista' temmen li l-konvenuti hallsu l-bilanc dovut lil Censu Attard u daqstant iehor difficilment tqis ix-xhieda ta' Xandru Micallef bhala korroborazzjoni valida ta' dak minnhom allegat u dana partikolarment meta l-atturi ressqu prova li fil-fehma Taghha sodisfacentement tistabilixxi l-kreditu taghhom *qua* eredi ta' Censu Attard fil-konfront tal-konvenuti in liena mal-principju guridiku li l-kreditur

[23] Fol. 131 tal-process.
[24] Fol. 132 tal-process.
[25] Seduta tat-30 ta' Novembru 2009, fol. 148 sa' 151 tal-process.
[26] Fol. 150 tal-process.

dejjem u fi kwalunkwe kaz ghandu l-ewwel qabel kollox jipprova l-kreditu tieghu fil-konfront tad-debitur[27].

Il-provi prodotti mill-atturi u b’mod partikolari l-ktieb tal-biljetti tal-vjaggi tal-gebel ordnati mill-konvenuti minghad Censu Attard esebit mill-attur Joseph Attard bhala Dok. “JA1” a fol. 185 sa’ 251 tal-process, igibu fix-xejn l-implikazzjoni tal-konvenuti wara l-affermazzjoni li l-kalligrafija fuq il-cash/sale invoice numru 000334 esebita mill-attur Ganni Attard a fol. 104 tal-process ma hijiex dik ta’ Censu Attard. In effetti jigi ribadit li minn dan il-ktieb – minn liema ktieb kienu nhargu diversi ricevuti favur il-konvenuti – jirrizulta car li l-vjaggi ta’ gebel konsenjati fis-17 ta’ Lulju 1996, fid-29 ta’ Lulju 1996, fit-13 ta’ Awwissu 1996, fit-18 ta’ Novembru 1996 u fis-16 ta’ Dicembru 1996 u bilanc precedenti ta’ Lm40 baqghu ma thallsux.

Il-konvenuti allegaw ukoll li l-flus li huma ghaddew lil Censu Attard bhala hlas ta’ l-ahhar bilanc li kellhom pendenti mieghu setghet hadithom Mary Turner, habiba ta’ l-istess Censu Attard. Din l-allegazzjoni però ma giet bl-ebda mod ippruvata u mix-xhieda ta’ Mary Turner[28], prodotta bhala xhud mill-konvenuti stess, kull ma jirrizulta hu li qabel ma miet Censu Attard hija kienet ilha ftit ta’ zmien ma tarah peress illi dak iz-zmien kienu miggildin u l-ahhar darba li Attard kien ghaddielha ammont sostanzjali ta’ flus kien madwar tmien snin qabel ma miet.

Fid-dawl ta’ dan kollu ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li filwaqt li l-atturi irnexxilhom jirrpuvaw b’mod sodisfacenti l-kreditu taghhom *qua* eredi ta’ Censu Attard fil-konfront tal-konvenuti, l-istess konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw b’mod sodisfacenti li dak il-kreditu gie saldat.

Ghal kull buon fini jigi osservat illi ghalkemm fin-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti rriservaw li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri, fosthom dawk tal-preskrizzjoni, jekk ikun il-kaz, bhala fatt l-unika eccezzjoni formali li tressqet hija dik tal-pagament, liema eccezzjoni kif inghad ma gietx sodisfacentement ippruvata minnhom ghal daqstant ma tishtoqqx li tigi miqlugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, tilqa’ t-talba ta’ l-atturi limitatament ghall-ammont ta’ Lm409, ekwivalenti ghal €952.71, u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ €952.71, bl-imghax legali dekorribli mit-30 ta’ Mejju 2005, id-data tal-prezentata tan-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti, sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[27] Ian Abela Fitzpatrick v. Web Trading Limited, Appell Civili 1752/01 deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta’ Novembru 2003.

[28] Seduta tat-3 ta’ Marzu 2011, fol. 276 sa’ 278 tal-process.